MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2015

Avviz Numru. 64/2013

**P.J. Sutters (Marketing) Limited**

**Vs**

**Raymond Degabriele u martu Jacqueline Degabriele**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici fejn talbet li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandux jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' erbat elef tminn mija wiehed u sebghin Euro u tlieta u tletin centezmu (€4,871.33c), rapprezentanti l-bilanc ta' somma akbar li giet misapproprjata minnu, waqt li kien fl-impieg tas-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru u l-mandat ta' qbid kawtelatorji prezentati kontestwalment, u bl-imghax b'effett mid-data tal-prezentata tar-rikors promotur, kontra l-konvenut.

Rat ir-risposta tal-konvenuti fejn eccepew:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, stante li l-eccipjenti m'humiex debituri tas-socjeta' attrici fl-ebda ammont.
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.
3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Il-konvenuti ipprevalixxew ruhhom mill-azzjoni tas-socjeta attrici sabiex jipprezentaw il-kontro-talba taghhom.

Fil-kontro-talba taghhom, il-konvenuti talbu li s-socjeta rikonvenzjonata tigi ikkundannata li thallas lill-konvenuti rikonvenzjonanti s-somma ta' hdax-il elf sitt mija u hamsin Ewro (€11,650), minnha dovuta bhala hlas lill-konvenuti in esekuzzjoni ta' ftehim datat 24 ta' Awwissu, 2009.

Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tar-risposta sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' attrici rikonvenzjonata.

Fir-risposta taghha ghall-kontrotalba tal-konvenuti, is-socjeta attrici eccepiet:

1. Illi l-kontrotalba hija proceduralment insostenibbli stante li hija bazata fuq mertu li huwa totalment distint u indipendenti mill-mertu tal-kawza promossa mill-esponenti. Ghaldaqstant, ma jezistux l-elementi rikjesti mil-ligi sabiex tigi avvanzata talba rikonvenzjonali.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-pretensjonijiet tal-konjugi Degabriele huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, anke peress li l-esponenti onoraw l-obbligazzjonijiet assunti minnhom fuq il-kuntratt li fuqu hija bazata t-talba rikonvenzjonali proposta mill-konjugi Degabriele.

Fis-seduta tat-18 ta' Lulju 2014,[1] il-partijiet qablu li tigi trattata u deciza fl-ewwel lok, l-ewwel eccezzjoni fir-risposta tas-socjeta attrici ghall-kontro-talba.

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati fuq l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta attrici;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet fuq l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta;

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

L-unici provi li pproducew il-partijiet fuq din l-eccezzjoni huma zewg skritturi privati, li a bazi taghhom qieghdin jibbazaw il-pretensjonijiet reciproci taghhom. Pero jidher pacifiku bejn il-partijiet, li l-konvenut kien impjegat tas-socjeta attrici, liema impjieg gie terminat.

Is-socjeta attrici qed tibbaza l-pretensjoni taghha fir-rikors promotur fuq skrittura privata datata 12 ta' Ottubru 2012 bejn is-socjeta attrici u l-konvenut, fejn il-konvenut ikkostitwixxa ruhu veru, cert u likwidu debitur tas-socjeta attrici fis-somma ta' €6,116.37, rapprezentanti ammont migbur minnu ghan-nom tal-kumpanija li ma gewx imhallsa lilha.

[1] Ara fol. 26 tal-process.

Il-konvenuti qieghdin jibbazaw il-pretensjoni taghhom fil-kontro-talba taghha fuq skrittura privata datata 24 t'Awwissu 2009 bejn il-kontendenti,[2] fejn is-socjeta attrici obbligat ruhha li thallas lill-konvenut is-somma ta' €46,587 bhala kumpens ghall-involviment u intervent taghhom sabiex is-socjeta attrici giet appuntata minn Danone Hayat & Dimes tat-Turkija bhala *sole agent/distributor* tal-prodotti ta' din l-entita f'Malta u Ghawdex. Dan il-hlas huwa suggett ghal diversi kondizzjonijiet fosthom li ma jibqghax isir hlas *"(ii) in the event of termination of the employment of Raymond Degabriele with the Company ... ..."*

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Fir-risposta taghha ghall-kontro-talba, is-socjeta attrici eccepiet preliminarjament illi l-kontrotalba hija proceduralment insostenibbli stante li hija bazata fuq mertu li huwa totalment distint u indipendenti mill-mertu tal-kawza promossa minnha. Ghaldaqstant, is-socjeta attrici qed tissottometti li ma jezistux l-elementi rikjesti mil-ligi sabiex tigi avvanzata talba rikonvenzjonali.

Issa huwa vera li fil-waqt li l-pretensjoni tas-socjeta attrici kontra l-konvenuti hija bbazata fuq dik tat-12 t'Ottubru 2012, il-pretensjoni tal-konvenuti kontra s-socjeta attrici hija bbazata fuq l-iskrittura tal-24 t'Awwissu 2009, u z-zewg skritturi ghandhom meritu separat.

L-Artikolu 396 tal-Kodici ta' Procedura Civili jippreskrivi hekk fuq il-kontro-talba:

*"Fil-kawżi, l-konvenut jista' jagħmel kontro-talba kontra l-attur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba tal-attur kif sejjer jingħad hawn taħt:*

*(a) meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun ġejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun ġejja t-talba tal-attur; jew*

[2] Ara fol. 18-19 tal-process.

*(b) meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaċi l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b'kull mod ieħor iġib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew li jimpedixxi l-effetti tagħha."*

Fis-sentenza **Maria Grazia Fava vs. Salvino Farrugia**, deciza fis-6 ta' Frar 1985, il-Qorti tal-Appell Kummercjali[3] irriteniet hekk:

*"Il-portata guridika tal-imsemmi Artikolu (qabel l-Artikolu 417) giet ezaminata minn din il-Qorti (President Sir Arturo Mercieca u Imhallfin F. Buhagiar u E. Ganado) fil-kawza "Spiteri Debono nomine vs. Darmanin nomine, 25 ta' April, 1930 (Kollez. Dec. Vol. XXVII-I-895, 897 u 898) fejn jinghad li l-estremi rikjesti ghar-rikonvenzjoni skond l-imsemmi Artikolu jikkonsistu (1) "nella communanza di origine delle due cause ovvero (2) nella eliminazione reciproca delle due domande". Hemm il-"communanza di origine", meta, skond l-Artikolu 396(a), il-kontro-talba tal-konvenut tkun gejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titlu li minnu tkun gejja t-talba ta' l-attur. Hemm l-element alternattiv tal-"eliminazione reciproca" meta, skond l-Artikolu 396(b) l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaci l-kreditu mitlub mill-attur jew li b'kull mod iehor igib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew li jimpedixxi l-effetti taghha.*

*Din il-Qorti fl-imsemmija sentenza kompliet tghid li l-Artikolu fuq citat, a differenza mill-Artikolu 100, tielet inciz, tal-Kodici ta' Procedura Civili Taljan, jenuncja "tre fonti di origine, e cioe` il contratto, il titolo e il fatto", u imbaghad ghaddiet biex tghid: "Conseguentemente la domanda riconvenzionale puo` sorgere dalla stessa convenzione ovvero dal rapporto guridico personale donde, nasce la domanda dell'attore, - oppure dallo stesso titolo, che e` voce assai piu` estesa del contratto ovvero "convenzione', - oppure dal medesimo "fatto" che consiste nel complesso della operazione che diede causa al rapporto giuridico. "Il fatto e` la manifestazione esteriore delle facolta` intellettuali e volitive dell'uomo, e come tale puo` formare causa di obbligazione (Digesto Italiano, Voce "Fatto", Diritto Civile, Vol. XI pag. 548) - e nel senso procedurale "fatto" significa anche il "complesso di tutte le circostanza che hanno dato causa e che formano l'oggetto di una lite" (Dig. It. I c. p. 549 - Procedura Civile).*

*Kwantu mbaghad ghall-element alternattiv l-iehor konsistenti fl-eliminazzjoni reciproka, din il-Qorti osservat fl-istess sentenza. "Il legislatore in questa disposizione e` anche molto liberale verso il*

[3] *Per* President C. Schembri, Imhallfin H. Harding u C.A. Agius.

*convenuto che promuove l'azione riconvenzionale, poiche` non solo la permette in caso di pretesa compensazione, ma anche quando la domanda dell'attore verrebbe a essere in qualunque altro modo perenta, ovvero, benche` il vincolo permanga, pure non possa produrre ulteriori effetti" u ssoktat tghid li huwa gust li jkun hekk ghax altrimenti tista' tigri l-ingustizzja li l-konvenut jigi kkundannat ihallas kreditu li forsi jirrizulta estint u dana b'konsegwenzi disastruzi ghalih.*

Il-Qorti tal-Appell Kummercjali applikat dawn il-principji fis-sentenza **Maria Grazia Fava vs Salvino** Farrugia, u irriteniet hekk:

*"Ghalkemm l-attrici appellata qeghda taghmel it-talba taghha a bazi tal-bejgh tal-istock tal-hanut in kwistjoni lill-konvenut appellant mentri l-konvenut appellant qieghed jaghmel il-kontrotalba tieghu a bazi tal-imsemmija skrittura privata ta' lokazzjoni li biha huwa kien akkwista l-bank tal-friza li jippretendi li kkagunalu d-danni u ghalhekk ma jistax jinghad li l-kontrotalba tal-konvenut appellant gejja mill-istess titolu jew mill-istess kuntratt li minnu gejja t-talba tal-attrici appellata, pero` il-Qorti hi tal-fehma ciononostante li l-kontrotalba tal-konvenut appellant gejja mill-istess fatt li minnu gejja t-talba tal-attrici appellata u dan il-fatt huwa li l-attrici appellata ddisponiet mill-hanut ta' grocer in kwistjoni favur il-konvenut appellant billi krietulu bl-attrezzi tieghu, fosthom il-bank tal-freezer, u bieghetlu l-istock tieghu. L-attrici appellata, kif inghad, qeghda tghid li bieghet l-istock fl-okkazzjoni tal-lokazzjoni tal-hanut, u l-konvenut appellant qed jghid li fl-istess okkazzjoni hu akkwista l-bank tal-friza u sabu difettuz. L-imsemmi fatt jikkostitwixxi dak li din il-Qorti fil-kawza fuq citata rriferiet ghalih bhala "il complesso della operazione che diede causa al rapporto giuridico". Ghalhekk il-Qorti tirritjeni li l-konvenut appellant seta' jaghmel il-kontrotalba tieghu a bazi tal-Artikolu 396(a).*

*Il-konvenut appellant ukoll seta' jaghmel il-kontrotalba tieghu a bazi tal-Artikolu 396(b) billi jekk tirnexxi l-kontrotalba tieghu huwa stess ikollu kreditu kontra l-attrici appellata li jkun jista' jpaci fil-kwantita` entranti ma' kwalunkwe somma dovuta lilha."*

Fl-opinjoni tal-Qorti, l-insenjament f'dawn iz-zewg sentenzi japplika *mutatis mutandis* fil-kaz odjern. Huwa vera li s-socjeta attrici qieghda tibbaza l-azzjoni taghha fuq l-iskrittura privata ta' kostituzzjoni ta' debitu li l-konvenut ghamel favur taghha minhabba misapproprjazzjoni li wettaq fil-kors tal-impjieg tieghu mas-socjeta attrici, fil-waqt li l-konvenuti qieghdin jibbazaw il-pretensjoni taghhom fil-kontro-talba fuq skrittura privata ohra, fejn is-socjeta attrici obbligat li thallashom kumpens taht certi kundizzjonijiet, fosthom li l-konvenut jibqa' impjegat tas-socjeta attrici. Ghalhekk ma jistax jinghad li l-kontrotalba tal-konvenuti gejja mill-istess titolu jew mill-istess kuntratt li minnu gejja t-

talba tas-socjeta attrici. Pero` il-Qorti hi tal-fehma, ciononostante, li l-kontrotalba tal-konvenuti gejja mill-istess fatt li minnu gejja t-talba tas-socjeta attrici u dan il-fatt huwa li z-zewg pretensjonijiet jikkoncernaw minn aspetti differenti l-impjieg tal-konvenut mas-socjeta attrici. Dan il-fatt jikkostitwixxi dak li fis-sentenzi fuq citati gie riferut bhala *"il complesso della operazione che diede causa al rapporto giuridico"*. Ghalhekk il-Qorti tirritjeni li l-konvenuti setghu jaghmlu l-kontrotalba taghhom a bazi tal-Artikolu 396(a) tal-Kodici ta' Procedura Civili.

Il-konvenuti setghu ukoll jaghmlu l-kontrotalba taghhom a bazi tal-Artikolu 396(b) billi jekk tirnexxi l-kontrotalba taghhom, huma stess ikollhom kreditu kontra s-socjeta attrici li jkunu jistghu jpacu, fil-kwantita` li tigi talvolta kanonizzata favur taghhom, ma' kwalunkwe somma dovuta lilha.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta attrici fir-risposta taghha ghall-kontro-talba tal-konvenuti, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta attrici.

Il-Qorti tordna l-prosegwiment tal-kawza skont il-ligi.

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------